# Ir-Raba' Ħadd tal-Għid

## Qari I

*Alla lil Ġesù għamlu Mulej u Kristu.*

Atti 2, 14a.36-41

**Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli**

Nhar Għid il-Ħamsin, [14]Pietru flimkien mal-Ħdax qam u qal lil-Lhud
b'leħen għoli: [36]«Ħa jkun jaf fiż-żgur il-poplu kollu ta' Iżrael li lil dan
Ġesù, li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messija.»

[37]Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u
lill-appostli l-oħra: «L-aħwa, x'għandna nagħmlu aħna?»

[38]U Pietru weġibhom: «Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom
fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu
d-don ta' l-Ispirtu s-Santu. [39]Għax il-wegħda qiegħda għalikom u
għal uliedkom u għal dawk kollha li huma fil-bogħod, dawk kollha li
l-Mulej Alla tagħna sejħilhom.»

[40]U b'ħafna kliem ieħor tahom xhieda u wissiehom billi qalilhom:
«Salvaw lilkom infuskom minn dan in-nisel ħażin.» [41]Għalhekk dawk
li laqgħu kliemu tgħammdu u dak in-nhar ingħaqdu mad-dixxipli
madwar tlitt elef ruħ.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 22 (23), 1-3a. 3b-4. 5. 6.

R/. (1): Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi:
xejn ma jonqosni
*Jew*
R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah

1 Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi:
xejn ma jonqosni.
2 F'mergħat kollha ħdura jqegħedni,
ħdejn l-ilma, fejn nistrieħ, jeħodni.
3 Hemm hu jrejjaqni. R/.

Imexxini fit-triq tas-sewwa
minħabba l-isem tiegħu.
4 Imqar jekk nimxi f'wied mudlam,
ma nibżax mill-ħsara, għax inti miegħi.
Il-ħatar tiegħek u l-għasluġ tiegħek,
huma jwennsuni. R/.

5 Inti tħejji mejda għalija
quddiem l-għedewwa tiegħi.
Biż-żejt tidlikli rasi,
u l-kalċi tiegħi tfawwarli. R/.

6 Miegħi, iva, jimxu t-tjieba u l-ħniena
il-jiem kollha ta' ħajti.
U ngħammar f'dar il-Mulej
sakemm indum ħaj! R/.

# Qari II

*Intom erġajtu lura għand ir-ragħaj u l-għassies ta' ruħkom.*

1 Piet 2, 20b-25

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pietru Appostlu**

Għeżież, [20]jekk tagħmlu t-tajjeb u ssofru
t-tbatija bis-sabar, din tkun grazzja quddiem Alla.
[21]Għal dan intom kontu msejħa,
għax Kristu wkoll bata għalikom
u ħallielkom eżempju,
biex timxu fuq il-passi tiegħu:
[22]hu li ma kien għamel ebda dnub,
u ebda qerq ma nstab f'fommu,
[23]meta għajruh ma weġibx bit-tagħjir,
meta bata ma heddidx
imma ħalla f'idejn l-Imħallef ġust.

[24]Hu tgħabba bi dnubietna
sa fuq is-salib,
biex aħna mmutu għad-dnubiet,
u ngħixu għall-ġustizzja.
Bil-ġrieħi tiegħu intom fiqtu.

[25]Intom kontu bħal nagħaġ mitlufa,
imma issa rġajtu lura għand ir-ragħaj
u l-għassies ta' ruħkom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 10, 14

Hallelujah. R/. Hallelujah
Jiena r-ragħaj it-tajjeb, jgħid il-Mulej;
jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi,
u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Il-bieb tan-nagħaġ huwa jien.***

Ġw 10, 1-10

**Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann**

F'dak iż-żmien, Ġesù qal: 1«Tassew tassew ngħidilkom, min ma
jidħolx fil-maqjel tan-nagħaġ mill-bieb imma jaqbeż ġewwa minn
naħa oħra, dak hu ħalliel u brigant. 2Imma min jidħol mill-bieb hu
r-ragħaj tan-nagħaġ.

3Min ikun mal-bieb lilu jiftaħ, in-nagħaġ minn leħnu jisimgħu, u
hu jsejjaħ in-nagħaġ tiegħu waħda waħda b'isimhom u joħroġhom
barra. 4U meta joħroġ in-nagħaġ tiegħu, huwa jmur quddiemhom u
n-nagħaġ jimxu warajh, għax jisimgħu leħnu. 5Imma wara wieħed
barrani ma jimxux, anzi jaħarbu minnu, għax leħen barrani ma
jafuhx.»

6Din il-parabbola qalhielhom Ġesù, iżda huma ma fehmux x'ried
jgħidilhom biha.

[7]Għalhekk Ġesù raġa' qalilhom: «Tassew, tassew ngħidilkom li
l-bieb tan-nagħaġ huwa jien. [8]Dawk kollha li ġew sa issa qabli huma
ħallelin u briganti. Iżda n-nagħaġ lilhom ma semgħuhomx. [9]Jiena
hu l-bieb; jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi jsalva, u jidħol u
joħroġ u jsib fejn jirgħa.

[10]Il-ħalliel ma jidħolx jekk mhux biex jisraq u joqtol u jeqred. Jiena
ġejt biex ikollkom il-ħajja, u ħajja bil-kotra.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Tifħir lilek Kristu